

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Frar 2013 — Saupiquet SAS vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-37/12 P) ⁽¹⁾

(Appell — Tariffa Doganali Komuni — Kwoti tariffarji — Għeluq fil-Ħdud tal-uffiċċji doganali — Ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Imputabbiltà)

(2013/C 108/14)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Saupiquet SAS (rappreżentant: R. Ledru, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B.-R. Killmann u L. Keppenne, aġenti)

Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla), tal-24 ta' Novembru 2011, Saupiquet vs Il-Kummissjoni (T-131/10), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadhet rikors għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 10005 finali, tas-16 ta' Diċembru 2009, li tikkonstata li ma huwiex iġġustifikat li jiġu rrimborsati lill-appellanti d-dazji fuq l-importazzjoni fuq tonn ippreservat li joriġina mit-Tajlandja — Għeluq tal-uffiċċji doganali nhar ta' Ħadd f'xi Stati Membri — Ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Interpretazzjoni żbaljata

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Saupiquet SAS hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 89, 24.03.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Novembru 2012 — Václav Hrbek vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Blacks Outdoor Retail Ltd, li kienet The Outdoor Group Ltd

(Kawża C-42/12 P) ⁽¹⁾

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Trade mark figurattiva — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti — Appell manifestament inammissibbli u manifestament infondat)

(2013/C 108/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Václav Hrbek (rappreżentant: M. Sabatier, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent), Blacks Outdoor Retail Ltd, li kienet The Outdoor Group Ltd (rappreżentant: M. S. Malynicz, barrister)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla), tal-15 ta' Novembru 2011, Hrbek vs UASI — Outdoor Group (Alpine Pro Sportswear & Equipment) (T-434/10), Václav Hrbek vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadhet rikors għal annullament ippreżentat mill-applikant għat-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "ALPINE PRO SPORTSWEAR & EQUIPMENT" għal prodotti fil-klassijiet 18, 24, 25 u 28, kontra d-Deċiżjoni R 1441/2009-2 tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tat-8 ta' Lulju 2010, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tirrifjuta parzjalment ir-reġistrazzjoni tal-imsemmija trade mark fil-kuntest tal-oppożizzjoni mressqa mill-proprietarju tat-trade mark figurattiva Komunitarja li tinkludi l-element verbali "alpine", għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25 — Interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Probabbiltà ta' konfużjoni

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Václav Hrbek huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 98, 31.03.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-7 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Audiencia Provincial de Burgos — Spanja) — La Retoucherie de Manuela S.L. vs La Retoucherie de Burgos S.C.

(Kawża C-117/12) ⁽¹⁾

(Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura — Kompetizzjoni — Ftehim bejn impriżi — Artikolu 81 KE — Eżenzjoni skont il-kategoriji ta' ftehim vertikali — Regolament (KE) Nru 2790/1999 — Artikolu 5(b) — Obbligu ta' nuqqas ta' kompetizzjoni impost fuq ix-xerrej fi tmiem ta' kuntratt ta' frankiġja — Bini u art minn fejn ix-xerrej ħadem waqt il-perijodu tal-kuntratt)

(2013/C 108/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Provincial de Burgos